Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 322 / 2015**

Il-Pulizija

vs

**Stephen Borg**

Illum, 11 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen Borg, iben mhux maghruf, imwieled Pieta' , fit-12 ta' Marzu, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 155778 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli Nhar is-27 ta' Marzu, 2009 u matul l-ahhar sena ta' qabel din id-data gewwa Birkirkara u fi nhawi ohra f' dawn il-Gzejjer, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali mill-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra

awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentenement emendati u bi ksur tal-Oridinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkometta dawn ir-reati fi, jew, gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Gunju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-ordni tal-Avukat Generali u l-eventwali Kontro Ordni biex din il-kawza tigi determinata minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabet lil Stephen Borg hati tal-ewwel u t-tieni akkuza, b' dan illi din hija kompriza u nvoluta.

Illiberatu pero mill-effetti tal-aggravanti tal-mitt (100) metru in kwantu dan ma gix pruvat, u mill-addebitu tar-recidiva ghar-ragunijiet gia' premessi. Rat fil-konfront

tal-htija dikjarata ir-Raba u s-Sitt Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kif ukoll 22 (1), 22 (1) (1B), 22 (2) ta' l-imsemmi Kapitolu 101, rat il-fedina penali tieghu, qieset il-hsara kbira li hu ghamel fl-operat tieghu u kif ghal tul ta' zmien hu kkontribwixxa lejn tkissir ta' hajjiet ta' nies, u kkundannatu ghal piena karkerarja effettiva ta' sitt (6) snin u kkundanatu ghal multa ta' tmint elef Ewro (€8,000), konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,
Rat dak verbalizzat fis-seduta tal-5 ta Frar 2019 fejn Dr Gatt informa lil Qorti li huwa ghamle talba sabiex din il-Qorti tigi konvertita fi Drug Court u talab li jtella hieda in sostern tat talba teighu.

L-Avukat Generali ma kellux oggezzjoni ghal tali talba.

Illi peremzz ta' nota prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Frar, 2019 r-rikorrenti informa lil Qorti li xtaq iharrek bhala xhieda tieghu lil Dr Joseph Tonna mic-Centru tad Detox ,lil Glenn Grixti ufficcjal tal-Probabtion u Jackie Grech li huwa ufficcjal tal- Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Illi b'rikors tieghu prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta'Frar,2019 r-rikorrenti stqarr li jesistu l-elementi kolha tal-Artikolu 8 (1) u (2) tal kap 537 tal ligijiet ta' Malta sabiex din il-Qorti tikkonverti ruha fi Drug Court u dan stante li l-kaz in desamina jissodisfa ir-rekwiziti tal-ligi .

Ikkunsidrat.

Fl-ewwel lok jinghad li mhux korrett li l-Avukat Generali fl-ewwel lok ma joggezzjonax ghal tali talba tar-rikorrenti izda meta jigi biex jittratta jekk ir- rekwiziti tal-artikolu 8 tal-kap 537 jissustux jghid li dan il-kaz mhux kaz fejn ir rikorrenti

ghandu jibbenefika mit-talba kif proposta fl-artikolu 8 tal-kap 537 u dan ghaliex l-Avukat Generali ghandu jkun konsistenti f'dak li jghid pero apparti dak li jigi mistqarr mill-partijiet l-Qorti trid tara jekk tali talba taqax fi-parametri tal-ligi u dan ghaliex idejn il-Qorti hija marbuta bil-ligi.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8 (1) tal-kapitolu 537 tal-ligijeit ta' Malta ai fini tat-talba tal-appellanti lijipprovdi s-segwenti:-

8. (1) *Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija , u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista jghamel talba quddiem din il-Qorti u cioe sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisftti b'mod prelininari zewg rekwiziti u cioe:

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' (7) snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t-tieni kundizzjoni u cioe
2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija, ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*
*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*

Illi pero din il-Qorti ma tistax tara jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati adadebtati fil-konfront tal-appellanti ma tecceddix is-sebgha snin prigunerija.

Illi fil-kaz in esami jidher car li l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellanti tmur hafna oltre is-sebgha snin prigunerija minkejja li l-ewwwel Qorti ikundannatu ghal sitt snin prigunerija dwar l-akkuzi li sabitu hati taghhom.

Il-Ligi ma titkellimx li l-akkuzat ma jistax jinsab hati ta piena oltre s-sengha snin prigunerija izda li r-reati li bihom gie akkzuat m' ghandhomx jeccedu is-sebgha snin prigunerija bhala piena li tista tinghata.

F'dan il-kaz r-rikorrenti huwa akkuzat fost akkuzi ohra bir-reat ta' traffikar ta droga Kokaina, pusess aggravat ta' droga, talli kkometta dawn ir reati gewwa distanza ta' 100 metru mill-parametru ta' skola club jew centru taz-zaghazagh u talli huwa recidiv u ghalhekk il-piena applikabbli kif preskritta fil-ligi tmur hafna oltre is-ebgha snin prigunerija.

Illi id-difiza issostni li l-ammont ta' droga li kien involut f'dan il-kaz huwa de minimis. Dan l-arument bir rispett kollu ma japplikax ghaliex dak li trid tara din il-Qorti hu l-piena li tita tinghata ghall-akkuzi li bihom ir-rikorretni gie akkuzat.

Fid-dawl ta' dak li intqal sopra l-Qorti m'ghandiex ghalfejn tisma iktar xhieda b'referenza ghal dan ir-rikros statne I l-mertu tieghu huwa ezawrit b'dan id-digriet.

Din il-Qorti ghalhekk hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga, stante li l-piena applikabbli teccedi is-sebgha snin prigunerija imsemmija fl-artikolu 8(1) tal-Kap 537 tal-ligijiet ta Malta u konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrenti u tordna li l-kaz jigi trattat fuq il-mertu tal-appell.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
Vera Kopja

Franklin Calleja
Deputat Registratur